SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

12 ta' Frar 2009 *

Fil-Kawża C-93/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Augstākās tiesas Senāta Administratīvo lietu departaments (il-Latvja), permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Frar 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Frar 2008, fil-proċedura

Schenker SIA

vs

Valsts ieņēmumu dienests,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn C. W. A. Timmermans, President tal-Awla, J.-C. Bonichot, J. Makarczyk, P. Kūris u C. Toader (Relatur), Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Latvjan.

Avukat Ġenerali: D. Ruiz-Jarabo Colomer,
Reġistratur: R. Şereş, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-4 ta' Diċembru 2008,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Schenker SIA, minn A. Tauriņš, membru tal-kunsill ta' amministrazzjoni, assistit minn I. Faksa, advokāte,

— għall-Valsts ieņēmumu dienests, minn Dz. Jakāns, bħala aġent, assistit minn E. Krimela, bħala aġent,

— għall-Gvern Latvjan, minn E. Balode-Buraka, E Eihmane u K. Drēviņa, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, bħala aġent,

— għall-Gvern Elleniku, minn O. Patsopoulou u Z. Chatzipavlou, bħala aġenti,

— għall-Gvern Finlandiż, minn J. Heliskoski, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn E. Kalniņš u S. Schønberg, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li tinqata' l-kawża mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003, tat-22 ta' Lulju 2003, li tikkonċerna azzjoni doganali kontra merkanzija suspettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanzija li jinsabu li jkunu kisru dawk id-drittijiet (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 13, p. 469-476).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn il-kumpannija Schenker SIA (iktar 'il quddiem "Schenker") u l-Valsts ieņēmumu dienests (amministrazzjoni fiskali

tal-Istat) dwar multa imposta fuq din il-kumpannija wara d-distruzzjoni tal-merkanzija ssuspettata li kienet qed tikser dritt ta' proprjetà intellettwali.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 Ir-Regolament Nru 1383/2003 ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3295/94/KE, tat-22 ta' Diċembru 1994, li jistabbilixxi miżuri li jipprojbixxu r-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, l-esportazzjoni, l-esportazzjoni mill-ġdid jew dħul għal proċedura sospensiva ta' oġġetti falsifikati jew pirati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 5, p. 318-323).

4 Il-premessi 3, 5, 9 u 10 tar-Regolament Nru 1383/2003 jipprovdu:

> "(3) Fil-każi fejn merkanzija ffalsifikata, merkanzija kkupjata u, b'mod aktar ġenerali, merkanzija li tikser id-dritt tal-proprjetà intellettwali li joriġinaw fi jew li ikunu ġejjin minn pajjiżi terzi, l-introduzzjoni tagħhom fit-territorju doganali tal-Komunità […] u tqegħid f'żona ħielsa jew maħżen, għandhom ikunu pprojbiti u għandha tiġi stabbilita proċedura li tkun tippermetti lill-awtoritajiet doganali li jinfurzaw din il-projbizzjoni bl-aktar mod effettiv.

[…]

(5) L-azzjoni mill-awtoritajiet doganali għandha tinvolvi, għall-perjodu meħtieġ biex jiġi stabbilit jekk merkanzija suspettata tkunx fil-fatt merkanzija ffalsifikata, merkanzija kkupjata jew merkanzija li tikser ċerti drittijiet tal-proprjetà intellettwali, jissospendu r-rilaxx għall-esportazzjoni ħielsa, l-esportazzjoni, l-esportazzjoni mill-ġdid, u fil-każ ta' merkanzija mqegħda taħt proċedura sospensiva, jew magizzinaġġ ħieles, fil-proċess li jiġu esportati mill-ġdid bin-notifikazzjoni, introdotti fit-territorju doganali jew iħallu dak it-territorju, iżommu din il-merkanzija.

[…]

(9) Biex ikun aktar faċli li r-Regolament jiġi applikat kemm mill-amministrazzjonijiet doganali u mid-detenturi tad-dritt, għandha ukoll issir disposizzjoni għal proċedura aktar flessibbli li tkun tippermetti li merkanzija li tikser ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali jiġu distrutti mingħajr ma ikun hemm l-obbligu li jinbdew proċeduri biex jiġi stabbilit jekk dritt ta' proprjetà intellettwali ikunx inkiser taħt il-liġi nazzjonali.

(10) Huwa meħtieġ li jiġu preskritti l-miżuri applikabbli għal merkanzija li ikunu instabet li tkun folza, ikkupjata jew li ġeneralment tikser ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali. Dawk il-miżuri għandhom mhux biss iċċaħħdu lil dawk responsabbli għan-negozju f'dik il-merkanzija mill-benefiċċji ekonomiċi ta' l-operazzjoni u jippenalizzawhom iżda ukoll jikkostitwixxu deterrent effettiv għal aktar transazzjonijiet kummerċjali ta' l-istess tip."

5 L-Artikolu 2(1)(a)(i) tar-Regolament Nru 1383/2003 jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, […]:

a) […] 'merkanzija falza [ffalsifikata]', jiġifieri:

i) merkanzija, inkluż pakkeġġar, li ikun jġorru mingħajr awtorizzazzjoni trejdmark identika għal trejdmark validament reġistrata fir-rigward ta' l-istess tip ta' merkanzija, jew li ma tkunx tista' tiġi distinta fl-aspetti essenzali tagħha minn dik il-trejdmark, u li b'hekk tikser id-drittijiet tad-detentur tal-trejdmark taħt il-liġi tal-Komunità, […]jew il-liġi ta' l-Istat Membru […]".

6 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Il-liġi fis-seħħ fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-merkanzija tkun mqegħda f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) għandha tgħodd meta jiġi deċiż jekk dritt ta' proprjetà intellettwali ikunx inkiser taħt il-liġi nazzjonali."

7 L-Artikolu 11(1) ta' dan ir-regolament jaqra hekk:

"1. Fejn l-awtoritajiet doganali ikunu żammu jew issospendew ir-rilaxx ta' merkanzija li tkun suspettata li tikser dritt ta' proprjetà intellettwali f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet koperti bl-Artikolu 1(1), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu, skond il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, għal proċedura simplifikata, li għandha tintuża bi ftehim mad-detentur tad-dritt, li tkun tippermetti lill-awtoritajiet doganali li jġiegħlu li dik il-merkanzija tiġu abbandunata biex tiġi distrutta taħt kontrol doganali, mingħajr ma ikun hemm il-ħtieġa li jiġi stabbilit jekk dritt ta' proprjetà intellettwali kienx inkiser taħt il-liġi nazzjonali. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom, skond il-liġi nazzjonali tagħhom, japplikaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

— li d-detentur tad-dritt jinforma lill-awtoritajiet doganali bil-miktub fi żmien għaxart ijiem utli, […], malli jirċievi n-notifikazzjoni li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 9, li l-merkanzija konċernata bil-proċedura ta' ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali msemmija fl-Artikolu 2(1) u jipprovdi lil dawk l-awtoritajiet bil-ftehim bil-miktub tad-dikjarant, id-detentur jew il-proprjetarju tal-merkanzija li jabbanduna l-merkanzija għad-distruzzjoni. […]. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'għaxart ijiem utli oħra fejn iċ-ċirkostanzi hekk jitolbu;,

— id-distruzzjoni għandha titwettaq, kemm-il darba ma ikunx mod ieħor speċifikat fil-leġislazzjoni nazzjonali, a karigu u taħt ir-responsabbiltà tad-detentur tad-dritt, u tkun sistematikament preċeduta bit-teħid ta' kampjuni biex jinżammu mill-awtoritajiet doganali f'dawk il-kondizzjonijiet li jikkostitwixxu evidenza ammissibbli fi proċedimenti legali fl-Istat Membru li fih jistgħu ikunu meħtieġa."

8 L-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1383/2003 jipprovdi:

"Kull Stat Membru għandu jintroduċi penalitajiet li japplikaw fil-każi ta' ksur ta' dan ir-Regolament. Dawk il-penalitajiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważżivi."

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

9 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 201.12 tal-kodiċi tar-reati amministrattivi (Administratīvo pārkāpumu kodekss) jipprovdi:

"L-applikazzjoni ta' proċedura doganali għal merkanzija ffalsifikata u għal merkanzija kkupjata, jew id-detenzjoni temporanja ta' din il-merkanzija għandha tiġi ssanzjonata, għal persuni fiżiċi, b'multa minn 50 sa 250 lats u, għal persuni ġuridiċi, b'multa minn 500 sa 5000 lats, flimkien mas-sekwestru tal-merkanzija."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

10 Bis-saħħa ta' kuntratt, Schenker, aġent doganali, irrilaxxat fiċ-ċirkulazzjoni libera, f'isimha u f'isem il-kumpannija destinarja tal-merkanzija, Rovens SIA (iktar 'il quddiem "Rovens"), prodotti li kellhom it-trade mark "Nokia".

11 Fis-16 ta' Frar 2005, fil-kuntest ta' verifika tal-merkanzija importata, ir-Rīgas muitas iestāde (Ċentru tad-Dwana ta' Riga) issuspetta li kien hemm falsifikazzjoni.

12 Bis-saħħa tar-Regolament Nru 1383/2003, l-awtoritajiet doganali żammew il-prodotti u ħadu kampjuni li ntbagħtu għall-parir lir-rappreżentanti ta' Nokia Corp., proprjetarja tat-trade mark "Nokia". Huma informaw ukoll lil Rovens b'din il-proċedura.

13 Fl-1 ta' Marzu 2005, Nokia Corp. informat lill-awtoritajiet doganali dwar l-eżistenza ta' taħdidiet ma' Rovens fuq il-possibbiltà li jibdew proċedura simplifikata sabiex tiġi distrutta l-merkanzija u talbithom li ż-żamma tal-merkanzija tiġi pprorogata b'għaxart ijiem.

14 Fit-3 ta' Marzu 2005, Nokia Corp. informat lill-awtoritajiet doganali li l-prodotti miżmuma kienu juru l-eżistenza ta' falsifikazzjoni. Fl-4 ta' Marzu 2005, Nokia Corp. u Rovens ikkonkludew ftehim, li ntbagħat lill-awtoritajiet doganali fil-11 ta' Marzu 2005, dwar id-distruzzjoni tal-imsemmija merkanzija bi spejjeż għal Rovens.

15 Fl-1 ta' April 2005, l-imsemmija awtoritajiet ħarġu verbal li fih ikkonstataw li Schenker, fil-kwalità tagħha ta' "dikjarant", kienet kisret l-Artikoli 9 u 16 tar-Regolament Nru 1383/2003. B'hekk, billi bbażaw ruħhom fuq il-parir ta' Nokia Corp. mibgħut fit-

3 ta' Marzu 2005, huma kkonstataw li Schenker ikkommettiet "reat" fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 201.12 tal-kodiċi tar-reati amministrattivi u imponew fuqha multa ta' LVL 500 (lats Latvjani).

16 Schenker, mingħajr suċċess, ikkontestat id-deċiżjoni mad-direttur tal-Valsts ieņēmumu dienests. Hija sussegwentement ressqet rikors għall-annullament tad-deċiżjoni msemmija quddiem l-Administratīvā rajona tiesa (tribunal amministrattiv distrettwali), u sostniet li l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1383/2003 jipprevedi fir-realtà l-possibbiltà li ma jiġix ikkonstatat li l-merkanzija tkun iffalsifikata. Dan ir-rikors ġie miċħud.

17 Fl-appell, l-apgabaltiesa (qorti reġjonali) ikkunsidrat li l-Artikolu 11 mhuwiex applikabbli, għaliex il-ftehim dwar id-distruzzjoni tal-prodotti ġie konkluż wara li l-awtoritajiet doganali ndunaw li l-prodotti eżaminati kisru d-dritt ta' proprjetà intellettwali.

18 Schenker għalhekk appellat fil-kassazzjoni quddiem l-Augstākās tiesas Senāta Administratīvo lietu departaments, li ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"L-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1383/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta d-detentur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (id-detentur tad-drittijiet) jilħaq ftehim, mad-dikjarant jew mal-proprjetarju ta' dawn l-oġġetti, sabiex jiġu distrutti, jew jidħol f'diskussjonijiet dwar il-possibbiltà li l-oġġetti jiġu distrutti, u matul din il-proċedura, l-awtoritajiet doganali jirċievu informazzjoni li l-oġġetti huma ffalsifikati, hija prekluża l-possibbiltà li tiġi imposta penali fuq id-dikjarant, jew fuq il-proprjetarju tal-oġġetti?"

Fuq id-domanda preliminari

19 Bid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju titlob, fis-sustanza, jekk l-għażla li tinbeda, bi ftehim mal-proprjetarju tad-dritt tal-proprjetà intellettwali u l-importatur, il-proċedura simplifikata, ipprovduta fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1383/2003, iċċaħħadx lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mis-setgħa li jimponu fuq dawk responsabbli għall-importazzjoni ta' dik il-merkanzija fit-territorju doganali tal-Komunità, "penali", fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament, bħalma hija multa amministrattiva.

Osservazzjonijiet imressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

20 Schenker tqis li r-Regolament Nru 1383/2003 ma jippermettix li l-awtoritajiet doganali jimponu penali ladarba l-proprjetarju ta' dritt tal-proprjetà intellettwali u l-importatur jibdew proċedura simplifikata għaliex, minn naħa, id-distruzzjoni tal-imsemmija merkanzija hija diġà fiha nnifisha penali, u min-naħa l-oħra, l-imsemmija awtoritajiet mhumiex awtorizzati li jidħlu fir-riżoluzzjoni ta' kontroversji bejn l-operaturi privati li jaqgħu taħt id-dritt ċivili u fil-proċeduri ġudizzjarji. Barra minn hekk, Schenker ma tistax tkun suġġetta, fil-kwalità tagħha ta' aġent doganali, għal penali amministrattiva, bħal multa, minflok u f'isem l-importatur jew il-manifattur.

21 Barra minn hekk, f'dan il-każ, l-awtoritajiet doganali, sabiex jimponu l-multa kkontestata, ibbażaw ruħhom biss fuq id-dikjarazzjoni unilaterali tal-proprjetarju tat-trade mark. Issa, din l-kumpannija, sostnuta mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fuq dan il-punt, tesprimi dubji fuq il-valur probatorju suffiċjenti ta' din id-dikjarazzjoni sabiex jiġi kkonstatat "ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali" fis-sens tar-Regolament Nru 1383/2003.

22 Il-Valsts ieņēmumu dienests, il-Gvernijiet Latvjan, Ċek, Elleniku u Finlandiż kif ukoll il-Kummissjoni huma, min-naħa tagħhom, tal-opinjoni li l-applikazzjoni ta' "proċedura simplifikata", fis-sens tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1383/2003 ma ċċaħħadx lill-awtoritajiet kompetenti li jimponu "penali", fis-sens tal-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament, għaliex, kif joħroġ mill-premessa 10 tal-imsemmi regolament, l-Istati Membri huma obbligati li jimponu penalitajiet effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

23 Għal dak li jirrigwarda l-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti li jimponu "penali" fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1383/2003, meta l-operaturi kkonċernati jibdew "proċedura simplifikata" fis-sens tar-Regolament Nru 1383/2003, għandu jiġi rrilevat, kif jirriżulta mill-premessa 9 tal-imsemmi regolament, illi din il-proċedura simplifikata ġiet introdotta sabiex tiffaċilita, kemm għall-awtoritajiet doganali u kemm għall-proprjetarju tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1383/2003.

24 Fil-fatt, skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 1383/2003, meta, wara li tintlaqa' t-talba għal intervent ta' proprjetarju tal-proprjetà intellettwali, l-uffiċċju tad-dwana kompetenti jikkonstata li l-merkanzija kkonċernata hija ssuspettata li tikser id-dritt tal-proprjetà intellettwali, huwa jissospendi r-rilaxx tal-merkanzija jew iżomm l-imsemmija merkanzija sabiex jiġi stabbilit il-ksur tad-dritt tal-proprjetà intellettwali.

25 Issa, il-fatt li din il-proċedura ma titwettaqx fit-terminu previst jista' jwassal, min-naħa, għall-introduzzjoni fit-territorju doganali tal-Komunità ta' merkanzija li tikser ċerti drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u, min-naħa l-oħra, meta l-proprjetarju tat-trade

mark iressaq talba għal intervent, huwa, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1383/2003, jehmeż, ma' din it-talba, dikjarazzjoni li fiha jaċċetta li jbati l-ispejjeż kollha bis-saħħa ta' dan ir-regolament sabiex il-merkanzija tinżamm taħt il-kontroll doganali b'applikazzjoni tal-Artikolu 9 u, jekk ikun meħtieġ, tal-Artikolu 11 tal-imsemmi regolament.

26 Sabiex jiġu rrimedjati l-inkonvenjenti marbuta b'mod partikolari mat-tul tal-proċedura u mal-ispejjeż tal-ħażna li l-proprjetarju tad-dritt tal-proprjetà intellettwali jkollu jbati, ir-Regolament Nru 1383/2003 ippreveda l-possibbiltà ta' proċedura simplifikata li tippermetti lill-proprjetarju ta' dan id-dritt jikseb, bi ftehim mad-dikjarant, mad-detentur jew mal-proprjetarju tal-merkanzija ssuspettata, taħt il-kontroll tal-awtoritajiet doganali, id-distruzzjoni ta' dik il-merkanzija, u dan, kif joħroġ mill-premessa 9 ta' dan ir-regolament, mingħajr l-obbligu li tinbeda l-proċedura li tiddetermina jekk kienx hemm ksur tad-dritt tal-proprjetà intellettwali skont il-liġi nazzjonali.

27 Madankollu, il-fatt li tinbeda proċedura simplifikata, li l-introduzzjoni tagħha fis-sistema legali tal-Istat Membru hija biss fakultattiva, ma tistax iċċaħħad lill-awtoritajiet tal-imsemmija Stati mis-setgħa li jadottaw "penali" fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1383/2003, għaliex din id-dispożizzjoni tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu dik il-penali fil-każ ta' ksur ta' dan ir-regolament.

28 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-premessa 3 tar-Regolament Nru 1383/2003, b'mod ġenerali, l-importazzjoni ta' merkanzija li tikser dritt ta' proprjetà intellettwali għandha tiġi pprojbita fit-territorju tal-Komunità.

29 F'dan ir-rigward, kif jipprovdi l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1383/2003, moqri flimkien mall-premessa 10 ta' dan ir-regolament, l-Istati Membri għandhom jadottaw sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-każ ta' ksur tal-imsemmi regolament.

30 Issa, bil-kontra ta' dak li ssostni Schenker, id-distruzzjoni tal-merkanzija, wara l-proċedura fakultattiva suġġetta għal ftehim bejn il-proprjetarju tat-trade mark u l-importatur, ma tistax tiġi kkwalifikata bħala sanzjoni imposta mill-awtorità nazzjonali b'applikazzjoni tas-sistema ta' penali li l-Istati Membri għandhom jadottaw skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1383/2003.

31 Barra minn hekk, kif ġustament jirrilevaw il-Gvernijiet Ċek u Finlandiż, huwa espressament previst fit-tieni inċiż tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 1383/2003, illi d-distruzzjoni hija sistematikament ippreċeduta mit-teħid ta' kampjuni li jinżammu mill-awtoritajiet doganali ħalli jkun jistgħu jservu, jekk hemm bżonn, bħala prova ammissibbli fil-każ ta' proċeduri ġudizzjarji fl-Istat Membru li jeżiġiha.

32 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-provi neċessarji biex jiġi kkonstatat ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali, għandu jiġi kkonstatat illi huma d-dispożizzjonijiet tal-liġi fis-seħħ fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu hemm il-merkanzija li tinsab f'waħda mis-sitwazzjonijiet maħsuba fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament li huma applikabbli sabiex jiġi ddeterminat jekk kienx hemm ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali fis-sens tad-dritt nazzjonali.

33 Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, għandha tingħata r-risposta għad-domanda magħmula illi l-fatt li tinbeda, bi ftehim mad-detentur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u mal-importatur, il-proċedura simplifikata pprovduta fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1383/2003 ma jċaħħadx lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti missetgħa li jimponu, fuq dak responsabbli għall-importazzjoni tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-Komunità, "penali" fis-sens tal-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament bħalma hija multa amministrattiva.

Fuq l-ispejjeż

34 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Il-fatt li tinbeda, bi ftehim mad-detentur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u mal-importatur, il-proċedura simplifikata pprovduta fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1383/2003, tat-22 ta' Lulju 2003, li jikkonċerna azzjoni doganali kontra merkanzija suspettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanzija li jinsabu li jkunu kisru dawk

id-drittijiet, ma jċaħħadx lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mis-setgħa li jimponu, fuq dak responsabbli għall-importazzjoni ta' dik il-merkanzija fit-territorju doganali tal-Komunità, "penali" fis-sens tal-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament bħalma hija multa amministrattiva.

Firem